19 ta' Novembru, 1948.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Avv. Dunstan G. Bellanti, LL.D. *versus* Henry Zammit ne.

**Mandat Kawtelatorju — Revoka — Danni — Penali — Art. 849 para. 3 u 4 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-paragrafu 3 ta' l-art. 849 tal-Proċedura Ċivili jikkontempla r-revoka jew non-revoka ta' mandat kawtelatorju, jekk min ikun ottjenieh ma jippruvax "prima facie" motiv suffiċjenti għall-kawtela mitluba bil-mandat; mentri l-paragrafu 4 ta' l-istess artikolu jikkontempla d-danni u l-penali li jistgħu jiġu akkordati f'kull wieħed mill-każijiet hemm indikati.*

*Dawn iż-żewġ paragrafi ta' dana l-artikolu huma distinti wieħed mill-ieħor; u r-relazzjoni tagħhom hija biss relativa, u mhux assoluta. Fil-każ tal-paragrafu 3, jekk l-eżekutant ma jippruvax motivi raġjonevoli u suffiċjenti għall-ottenimant tal-mandat, il-Qorti għandha bilfors tirrevoka l-mandat, salvo li tordna l-ħruġ ta' mandat ieħor, fuq rikors tal-parti nteressata, jekk aktar tard ikun hemm raġuni tajba għal hekk; mentri fil-każ tal-paragrafu 4, il-kundanna għad-danni u għall-penali hija fakoltativa għall-Qorti.*

*Jekk it-talba għar-revoka ma tiġix milqugħa, lanqas ma tista' tiġi milqugħa t-talba għad-danni; imma jekk dik ir-revoka tiġi akkolta, ma ikunx assolutament obligatorju għall-Qorti li tilqa' t-talba għad-danni.*

*Kwantu għall-penali, jekk min jitlob il-mandat jipprova raġuni tajba biex "prima facie" tiġġustifika li l-mandat ma jiġix revokat, il-mandat lanqas ma għandu jiġi revokat billi l-eżekutant ma jkunx talab il-ħlas lid-debitur fiż-żmien ta' ħmistax-il ġurnata qabel ir-rikors, jew billi l-istat tad-debitur ma kienx jagħti raġuni tajba biex wieħed jiddubita fis-solvibilità tiegħu; imma fil-każ wieħed u fl-ieħor l-applikazzjoni ta' penali hija dejjem fakoltativa għall-Qorti skond l-arbitriju prudenzjali tagħha.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, premess-a kwalunkwe dikjarazzjoni meħtieġa u mogħti kull provvediment relativ, billi fuq it-talba taċ-ċitat nomine ġie maħruġ minn dina l-istess Onorabbli Qorti, fl-14 ta' Ottubru 1948, il-mandat nru. 368 ta' l-1948 — mandat ta' qbid kawtelatorju li ġie eżegwit kontra l-attur fis-16 ta' Ottubru 1948 (dok. A), mingħajr ma kien l-istess ċitat nomine fi kwalunkwe żmien, jew fil-ħmistax-il ġurnata preċedenti l-ħruġ ta' l-imsemmi mandat, interpella bi kwalunkwe mod lill-istess attur biex iħallas id-debitu allegat fl-imsemmi mandat; u billi, kif jirriżulta mill-istess talba fuq imsemmija taċ-ċitat nomine (dok. A), u kif ikun pruvat, id-debitu allegat mhux likwidu; hemm iwieġeb il-konvenut għaliex ma għandux 'il fuq imsemmi mandat tal-qbid jiġi revokat minn dina l-Onorabbli Qorti, u l-istess ċitat jiġi minn dina l-istess Onorabbli Qorti kundannat li jirrifondi lilu d-danni minnu sofferti in konsegwenza ta' l-istess mandat, likwidabbli f'dana jew f'ġudizzju ieħor separat, u jħallas piena ta' mhux iżjed minn £100 għall-motivi fuq indikati jew għal kwalunkwe ieħor skond il-liġi, a

tenur tad-dispożizzjonijiet ta' l-art. 849 (4) (b) jew ta' kwalunkwe dispożizzjoni oħra tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

T'kkunsidra;

Illi fid-dritt jingħad li mill-eżami tal-paragrafi 3 u 4 ta' l-art. 849 tal-Proċedura Ċivili, jidher ċar li l-istess paragrafi huma distinti wieħed mill-ieħor, u r-relazzjoni tagħhom ma hix assoluta, iżda relativa. Infatti, mentri fit-tielet paragrafu hija kontemplata r-revoka u non-revoka tal-mandat "de quo agitur", jekk min ikun ottenih ma jippruvax "prima facie" motivi suffiċjenti għall-kawtela bil-mandat mitluba, ir-raba' paragrafu l-liġi titkellem fuq id-danni u penali li jistgħu jiġu akkordati f'kull wieħed mill-każijiet hemm indikati. Jingħad ukoll li mentri fil-każ tal-paragrafu 3, jekk l-eżekutant "prima facie" ma jippruvax raġjonevoli u suffiċjenti motivi għall-otteniment tal-mandat, l-istess għandu jiġi ta' bilfors revokat, salv id-dritt lill-Qorti, meta dik ir-revoka ssir inappellabilment waqt li jkun miexi l-ġudizzju fil-meritu, li tordna mandat ieħor fuq rikors ta' l-interessat kemm-il darba ssorġi raġuni tajba, fil-każ tal-paragrafu 4 il-kundanna tad-danni u tal-penali hija fakoltattiva għall-Qorti. Ma hemmx bżonn jingħad li fil-każ li l-Qorti tiċħad it-talba għar-revoka, ma tkunx tista' tapplika l-paragrafu 4 għat-talba għad-danni; imma fil-każ li tilqa' l-istess talba għar-revoka, tista', bla obligu assolut li għandha tagħmel hekk, tilqa' t-talba għad-danni;

Del resto, ir-responsabilità għad-danni ma tistax tidderiva u titnissel ħlief minn ċirkustanzi li jiddeterminaw il-kolpa jew il-kważi-delitt ta' min joħroġ il-mandat; u kwindi jista' jagħti l-każ ta' apprezzament mhux veru jew fallaċi tal-fattijiet allegati fir-rikors tad-domandanti l-mandat, li ma jilleġittimawx it-talba għad-danni. Jekk però l-pretensjoni kawtelata tkun bla bażi u bla ebda fundament fil-fatt u fid-dritt, allura ċertament ikun hemm dolo jew kolpa tali, li tiġġustifika l-kundanna għad-danni u penali;

Jingħad però illi rigward il-penali ġie deċiż (ara Vol. XII, pag. 29, P.A. Ċivili 9 ta' Ottubru 1888, in re "Azzopardi vs. Poggi") illi jekk min jitlob il-ħruġ tal-mandat tiġi pruvata

minnu raġuni suffiċjenti biex "prima facie" tiġġustifika n-non-revoka tal-mandat, dan l-att ma għandux jiġi revokat lanqas għan-nuqqas ta' interpellazzjoni fiż-żmien il-ħmistax-il ġurnata msemmija fil-para. 4 ittra (b), u fl-ipotesi tan-nuqqas kontemplata fl-istess paragrafu 4 ittra (c), għalkemm jekk jikkonkorru dawk iż-żewġ raġunijiet jew waħda minnhom, jista' jkun hemm, dejjem fakoltativament, lok għall-applikazzjoni tal-piena inkluża fil-prudenzjali arbitriju tal-Qorti, skond il-latitudini legali li titnissel mill-gravità tal-każ;

Illi kwindi minn dana jitnissel :— (1) Illi r-revoka u non-revoka tal-mandat tiddependi mill-motivi jew nuqqas ta' motivi ta' raġunijiet tajba għall-otteniment tal-kawtela mill-parti ta' min jitlob il-mandat, kunsidrati "prima facie", u li ma jridux kwindi jkunu l-effett biss ta' spiritu vendikattiv u ta' animu ħażin merament, jew ta' leġġerezza; (2) li l-kundanna għad-danni mhix konsegwenza neċessarja u assoluta tan-nuqqas tal-kreditu kawtelat; (3) li n-nuqqas kontemplat fil-paragrafu 4, ittra "b" u "c", mhuwiex raġuni suffiċjenti biex jiġġustifika revoka ta' mandat, imma biss jista', skond il-fakoltà mħollija mil-liġi lill-Qorti, jagħti lok għall-applikazzjoni tal-penali, skond u fil-limiti latitudinali msemmija fl-istess liġi;

Illi dwar is-solvenza tad-debitur mhux biżżejjed li l-istess ikollu proprjetà immobiljari jew mobiljari, imma li l-istess tkun tali fiż-żmien meta s-sentenza li tirrigwarda l-pretensjoni tkun tista' tiġi eżegwita; b'mod li jekk bniedem bl-għemil tiegħu jista' raġjonevolment jiġġenera fl-animu ta' kreditur il-perikolu ta' l-insolvenza fil-waqt ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza, u ebda mala fede ma tiġi pruvata fil-kreditur, l-istat ta' solvenza tiegħu ma jistax jingħad ċert u notorju;

Tikkunsidra;

Illi wara li għidna dana, jingħad li fil-fatt l-attur..........;

Illi, del resto, ebda prova soddisfaċenti ma saret li l-konvenut għamel il-kawtela tiegħu u ddeduċa l-istess b'ċerta leġġerezza, jew bi spirtu merament vessatorju; il-għaliex l-istess deduzzjoni hija bażata fil-fatt fuq ir-rapport lokatizju li kellu l-attur mal-konvenut;

*Omissis;*

LL huwa minnu li l-attur ma ppruvax raġjonevoli u sufficjenti motiv għar-revoka tal-mandat, u fin-nuqqas ta' revoka huwa assurd tippretendi danni. Ma jistax jingħad l-istess, fuq għall-penali. L-għaliex dina tista' teżisti bla revoka tal-mandat. Iżda fil-każ in eżami ma jidherx li dina l-Qorti għandha tuża minn dik il-fakoltà mitluba mill-attur, għax ir-raġunijiet evidenti li jirriżultaw mix-xhieda ta' l-istess attur;

Illi kwindi, tant fil-fatt kemm fid-dritt, it-talba attriċi mhix sostenibbli;

Għal dawna r-raġunijiet;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi; bl-ispejjeż għall-attur.